MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 178/2002/1

**Medex Container Services Limited**

**vs**

**Philippe Berard bhala rappresentant tas-socjeta' Compagnie Maritime D'Affretement Agencies Worldwide registrata Malta bin-numru OC151, u dina bhala agent u/jew operatrici u/jew armatrici tal-vapur m.v Ville De Dubai**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fl-14 ta' Frar, 2002, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta' konvenuta giet inkarigata mis-socjeta' attrici sabiex titrasporta fuq il-vapur *m.v. Ville De Dubai* merkanzija tas-socjeta' *Tiara Company Limited* u dan it-

trasport ghamlitu billi garret il-merkanzija fil-*container* numru *LCRU 4495493* minn Malta sa Alexandria, l-Egittu (Dok. A). L-imsemmi *container* gie mghobbi fuq il-vapur mill-*Malta Freeport Terminal* fil-15 ta' Frar, 2001 (Dok. B).

Meta l-imsemmi *container* gie mghobbi fuq il-vapur *m.v. Ville de Dubai* huwa kellu sigill tad-Dwana ta' Malta numru *L89054* (Dok. B, C, D, u E) izda meta wasal Alexandria l-istess *container* kellu sigil differenti u *cioe'* sigill bin-numru 2964710 (Dok. D, F u G).

Is-socjeta' attrici giet interpellata mis-socjeta' *Tiara Company Limited* permezz ta' ittra datata 18 ta' Jannar, 2001. (Dok. H) sabiex thallas id-danni allegatament sofferti mill-istess socjeta' *Tiara Company Limited* fl-ammont ta' Lm40,824.52 minhabba nuqqasijiet fil-merkanzija.

Ghal dawn in-nuqqasijiet jekk pruvati hija responsabbli s-socjeta' konvenuta u ghandha taghmel tajjeb ghalihom l-istess socjeta' konvenuta.

Talbu lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara s-socjeta' konvenuta responsabbli ghal kwalunkwe danni sofferti mis-socjeta' *Tiara Company Limited* rigward it-trasport tal-merkanzija fil-*container* numru *LRCU 4495493* minn Malta sa Alexandria, l-Egittu, liema *container* gie mghobbi fuq il-vapur *m.v. Ville De Dubai* fil-15 ta' Frar, 2001.

B'riserva ghal kull azzjoni tas-socjeta' attrici kontra s-socjeta' konvenuta ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni.

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' konvenuta illi hija minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li *in forza* taghha eccepixxa illi:

1. In-nuqqas ta’ interess guridiku *stante* illi s-socjeta’ attrici ma sofriet ebda danni u *kwindi* m’ghandha ebda dritt ta’ rivalsa fil-konfront tas-socjeta’ eccippjenti.

2. L-infondatezza tat-talbiet attrici kemm fil-fatt u fid-dritt *stante* illi s-socjeta’ eccippjenti mhijiex responsabbli ghan-nuqqasijiet li allegatament avveraw ruhhom mal-konsenja tal-merkanzija. Jigi rilevat ukoll illi qabel ma saret din il-kawza s-socjeta’ konvenuta qatt ma rceviet ebda *“notice of loss”* mis-socjeta’ attrici jew minn xi terz interessat u ghaldaqstant l-oneru tal-prova illi l-allegati nuqqasijiet avveraw ruhhom waqt illi l-merkanzija kienet effettivament fil-pussess tas-socjeta’ konvenuta jispetta lis-socjeta’ attrici. Illi *in oltre* jispetta lis-socjeta’ attrici illi l-merkanzija kienet verament stivata fil-*“container” in kwistjoni*.

3. F’kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabilita’ li tista’ tigi attribuita lill-eccippjenti hija limitata skond il-kondizzjonijiet tal-garr u/jew skond il-ligi applikabbli.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-5 ta’ Gunju, 2002, fejn giet irtirata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut *nomine*;

Rat li din il-kawza imxiet kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet *“Atlas Insurance Agency Ltd et vs Medex Container Services Ltd et”* (citazzjoni numru 156/02), b’mod li l-provi migbura f’dik il-kawza kellhom jaghmlu stat u jiffurmaw parti wkoll minn din il-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza b’citazzjoni numru 156/02;

Rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li din il-kawza tinsab differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-meritu ta’ din il-kawza huwa konness mal-meritu tal-kawza l-ohra aktar qabel imsemmija (dik b’citazzjoni numru 156/02). Jirrizulta li s-socjeta’ *Tiara Co. Ltd,* li taghha s-Sur Michael Bharwani, huwa l-*managing director*, riedet tibghat konsenja ta’ *wicker baskets* u *sweaters* lejn l-Egittu. Ghal dan l-iskop, inkarigat lis-socjeta’ attrici biex tiehu hsieb it-trasport. Is-socjeta’ attrici, *da parti* taghha ikkuntrattat mas-socjeta’ konvenuta sabiex din iggorrilha l-merkanzija lejn l-Egittu. Wara li l-merkanzija insterqet kollha, is-socjeta’ *Tiara Co. Ltd* ghamlet *claim* mas-socjeta’ assikuratrici taghha (*Atlas Insurance Ltd*), li rimborsat lis-socjeta’ *Tiara Co. Ltd* ghat-telf li garbet. Is-socjeta’ assikuratrici fethet il-kawza l-ohra kontra s-socjeta’ *Medex Container Services Ltd* ghar-rimbors tad-danni. Din il-kumpanija, *da parti* taghha, fethet din il-kawza kontra l-*carrier* biex, f’kaz li kontrattwalment tinsab responsabbli ghad-danni li garbet is-socjeta’ *Tiara Ltd*, titlob rifusjoni tad-danni minghand is-*sub-contractor* taghha.

Il-meritu tal-kawza gie trattata fil-kawza l-ohra li wkoll giet decisa illum. Fiha jinghad li responsabbli ghad-danni kienet fil-fatt is-socjeta’ konvenuta, u li d-danni ghandha tissapportihom hi. Il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li inghad fil-kawza l-ohra dwar dan, li, ghas-skanz ta’ ripetizzjoni, ghandhom jitqiesu jghoddu wkoll ghal din il-kawza. La darba il-vapur kien responsabbli ghad-danni, it-talba tas-socjeta’ attrici ghar-rimbors minghand l-agenti taghha ghandha tintlaqa.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut *nomine* u wara li tilqa’ t-talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm3,396 (tlett elef, tlett mija u sitta u disghin liri Maltin) *in linea* ta’ danni, bl-imghax legali mill-4 ta’ Settembru, 2005, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta’ din il-kawza jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------